MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2015

Numru. 85/2015

**Il-Pulizija**
**Spettur Anne Marie Xuereb**

**VS**

**Jurgen Gatt detentur tal-karta tal-identita' numru 234692M;**

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Jurgen Gatt** li gie akkuzat talli fix-xahar ta' Ottubru, 2014, u fil-granet/xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

Mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' valuta EURO, meta kien jaf li huma falsifikati;

U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima, jew ragonevoli, xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus ta' valuta EURO, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati.

Rat li moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi kien hati taghhom, dan nonostante li nghata zmien jahseb fuq l-istess, pero xorta baqa' jzomm ferm l-ammissjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda tal-**Ispettur Anne Marie Xuereb**, li ezebiet l-istqarrija tal-imputat, fejn fiha ammetta li huwa kien ghadda l-flus foloz li kellu fil-pussess tieghu lil certu Christian Sarca. Ziedet illi l-ammont fi flejjes foloz fil-pussess tal-imputat kien ta' tlitt mitt Ewro (€300) u erba' mitt Ewro (€400), f'karti tal-mitt Ewro (€100). Talbet anke lill-Qorti li dan l-imputat jigi meghjun biex jimxi fit-triq it-tajba.

Rat ukoll il-Pre-Sentencing Report li gie prezentat mill-Ufficjal tal-Probation **Dorian Cornelius**.
Qal illi llum l-imputat kien jinsab dizokkupat kif ukoll li testijiet tal-urina tieghu taw rizultat fin-negattiv.

Illi ghaldaqstant fuq ammissjoni tieghu stess, qieghda ssibu hati ai termini tal-Artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina penali tieghu, u nnutat illi huwa gia’ gie moghti opportunita’ ohra biex jirradrizza ruhu. Qieghda wkoll tfiehem lill-imputat li huwa m’ghandux jibqa’ jahli opportunitajiet bhal dawn, ghax verament ser jispicca hazin.

Ghaldaqstant, fuq rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation, qieghda tqieghed lil Jurgen Gatt taht Ordni ta’ Probation ghal zmien sentejn (2) mill-lum, u dan wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta; u anke wara li rat l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’dan illi huwa ghandu jobdi kull direttiva u ordni mahruga lilu mill-Ufficjal tal-Probation, b’mod specjali u in partikolari, izda mhux esklussiv, direzzjonijiet dwar it-tisjib ta’ xoghol.

Il-Qorti fehmet lil Jurgen Gatt l-effetti ta’ Ordni ta’ Probation u r-responsabbiltajiet tieghu taht l-istess Ordni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------